MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MALLIA MICHAEL LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 365/2002/1

**Victor Spiteri bhala president ghan-nom u in rapprezentanza tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku**

**vs**

1. **Raphael u Maria konjugi Falzon f'isimhom proprju u bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil binhom minuri Wayne Falzon**
2. **Mark Dimech**

**U b'digriet tat-2 ta' Awissu, 2002, Dr Martin Fenech gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-minuri Wayne Falzon.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti in solidum ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000.00) (kif ridotta ghal skopijiet ta'

kompetenza) rapprezentanti somma li ghadha dovuta mill-konvenuti wara li Wayne Falzon u Mark Dimech serqu flus u proprejta' ohra appartenenti lill-assocjazzjoni attrici; u wara li Raphael u Maria konjugi Falzon genituri tal-istess minuri Wayne Falzon naqsu li jiehdu kura u hsieb ta' binhom minuri biex dan is-serq ma jigrix, u dan fit-termini tal-Art 1034 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-8 ta' Mejju, 2002, u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru, 2002, kontra l-konvenut Mark Dimech.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti Raphael u Maria konjugi Falzon naqsu u ma dehrux, la fit-3 ta' Dicembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici wkoll kontra konvenuti Raphael u Maria konjugi Falzon bl-ispejjez kontra taghhom.

Anthony Zammit
Dep Reg.